**345. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Kap tal-Kamra jipproponi:**

Wara li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ra l-Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2013;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Sur Anthony Mifsud personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fis-27 ta' Novembru, 2012;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika b'mod unanimu rrakkomanda li l-estimi għandhom jiġu approvati kif imressqa;

Il-Kamra tad-Deputati għalhekk tapprova dawn l-estimi kif imressqa u kif approvati mill-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

03.12.12